# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-4 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 735/2010 SM**

***Universal Publicity Services Limited***
**(C-6191)**

**vs.**

***Maltco Lotteries Limited***
**(C-32326)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi ghall-habta ta' Mejju, 2001, il-Gvern hareg sejha ghall-proposti ghall-immanigjar tal-lotto u lotterji ohra li kienet tiskadi fit-13 t'Awwissu, 2001;

1.2. Illi s-socjeta` intimata giet registrata f'Malta fid-29 t'Ottubru, 2003;

1.3. Illi wara process ta' ghazla l-istess socjeta` intimata inghatat licenzja biex tmexxi l-lotto u lotterija;

1.4. Illi s-socjeta` rikorrenti tmexxi agenzija ta' reklamar;

1.5. Illi s-socjeta` *Intralot S.A.* registrata l-Grecja, flimkien ma' *The Players Group Limited* u *Associated Supplies Limited*, kienu jiffurmaw konsorzju bl-isem ta' *Maltco Consortium*;

1.6. Illi l-imsemmi konsorzju kien ressaq il-proposta tieghu fir-rigward;

1.7. Illi l-operat tal-imsemmi konsorzju kien transferit f'idejn is-socjeta` intimata;

1.8. Illi ghall-habta ta' Gunju, 2001, is-socjeta` *Intralot S.A.* kellha diskussjonijiet mas-socjeta` rikorrenti li konsegwenza tal-istess fornietha b'informazzjoni, dettalji u servizzi biex il-konsorzju fuq indikat ikun f'qaghda li jissottomettu l-proposta lill-*Privatisation Unit*;

1.9. Illi kien hemm intiza bejn il-partijiet li kemm- il darba s-socjeta` intimata tigi maghzula ghal dan ix-xoghol is-socjeta` rikorrenti kellha tigi inkarigata taghmel ix-xoghol ta' reklamar tas-socjeta` intimata;

1.10. Illi l-intiza fir-rigward bejn il-partijiet tant kienet cara li la qatt ma ftehmu fuq id-dritt dovut lis-socjeta` rikorrenti, u s-socjeta` rikorrenti lanqas qatt talbet hlas ghas-servizzi minnha rezi;

1.11. Illi s-socjeta` intimata naqset li tingagga lis-socjeta` rikorrenti ghal servizzi ta' reklamar u *marketing nonostante* li intaghzlet biex taghmel dan ix-xoghol konness mal-lottu u lotteriji;

1.12. Illi hu car li s-socjeta` intimata ghamlet u ghada taghmel uzu dirett mill-informazzjoni u dettalji lilha

forniti mis-socjeta` rikorrenti *tramite* s-socjeta` *Intralot S.A.*;

1.13. Illi ghalhekk, is-socjeta` intimata arrikkiet ruhha indebitament ghad-danni tas-socjeta` rikorrenti;

1.14. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.14.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata arrikkiet ruhha indebitament ghad-danni tas-socjeta` rikorrenti;

1.14.2. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-28 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 7);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-2 ta' Settembru, 2010, li permezz taghha s-socjeta` intimata irrispondiet sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 11):

3.1. Illi s-socjeta` rikorrenti trid taghzel il-bazi guridika tal-azzjoni minnha hawn intrapriza, senjatament:

3.1.1. Jekk hiex qed tharrek a bazi tal-allegata "intiza bejn il-partijiet"; jew

3.1.2. Jekk hiex qed tharrek a bazi t'arrikkiment indebitu tas-socjeta` intimata;

3.2. Illi fin-nuqqas, l-azzjoni odjerna ghandha tigi respinta *stante* li ma tistax tissussisti azzjoni bbazata fuq rapport kontrattwali u fl-istess hin fuq arrikkiment guridiku;

3.3. Illi kwantu l-azzjoni odjerna hi bbazata fuq arrikkiment indebitu din it-talba ghandha tigi respinta *stante* li ma jikkonkorrux ir-rekwiziti necessarji ghaliha;

3.4. Illi s-socjeta` intimata qatt ma wzat xi informazzjoni u servizzi pprokurati mis-socjeta` rikorrenti;

3.5. Illi m'hemm l-ebda ness bejn is-socjeta` intimata u dak li allegatament sar biex l-istess socjeta` intimata tinghata licenzja ghat-tmexxija tal-loghobiet tal-Lotterija Nazzjonali;

3.6. Illi m'hemm l-ebda ness wkoll bejn l-istess socjeta` intimata u dak li kien miftiehem bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` *Intralot S.A.* meta l-istess socjeta` intimata lanqas biss kienet ezistenti;

3.7. Illi m'hemmx lok ghall-azzjoni odjerna – azzjoni ta' natura sussidjarja – meta *ex admissis* hawn *si tratta* ta' ftehim bejn is-socjeta` *Intralot S.A.* u s-socjeta` rikorrenti;

3.8. Illi inkwantu li t-talbiet tar-rikorrenti huma bbazati fuq l-allegata "intiza bejn il-partijiet", jigi sottolineat li ma kien hemm l-ebda intiza bejn is-socjeta` intimata u dik rikorrenti;

3.9. Illi kull ma sar mis-socjeta` rikorrenti qabel it-twaqqif tas-socjeta` intimata, kien biss biex tigi promossa l-istess socjeta` rikorrenti fil-kaz li s-socjeta` intimata tinghata l-licenzja *de quo*;

3.10. Illi meta wara l-ghoti tal-licenzja s-socjeta` intimata avvicinat lil dik rikorrenti biex jifthemu fuq pjan ta' negozju u prezzijiet biex b'hekk is-socjeta` intimata tkun tista' tqabbel dawn il-proposti ma t'ohrajn fis-suq, is-socjeta` rikorrenti irrifjutat li tikkoopera *stante* li ppretendiet li titqabbad hi biss ghax-xoghol ta' reklamar, u b'hekk, b'mod esklussiv;

3.11. Illi fid-dawl tal-posizzjoni mehuda mis-socjeta` rikorrenti fir-rigward, is-socjeta` intimata informata:

3.11.1. Illi hekk ma seta' jsir l-ebda negozju bejniethom; u

3.11.2. Illi jekk is-socjeta` *Intralot S.A.* kellha ttiha xi flus ghas-servizzi minnha lilha rezi, kienet mitluba tohrog il-kont relattiv;

3.11.3. Illi s-socjeta` rikorrenti qatt ma harget dan il-kont;

3.12. Illi kienet notifikata b'ittra ufficjali datata s-26 ta' Lulju, 2005, fir-rigward, li kienet imwiegba fil-11 t'Awwissu, 2005, u konsegwentement qieset li l-kwistjoni kienet waqfet hemm;

3.13. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.14. Bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti;

3.15. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat il-verbal datat l-20 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti iddikjara li l-azzjoni odjerna hi bbazata fuq l-arrikkiment indebitu u li s-socjeta` rikorrenti bl-ebda mod m'hi tikkontendi li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet, (ara foll 16);

5. Rat id-digriet taghha datat it-13 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 781), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 782, 783 u 784);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata l-14 ta' Gunju, 2016, (ara foll 785), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata t-3 t'Ottubru, 2016, (ara foll 812);

7. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti kopjuzi pprezentati fl-atti, flimkien ma diversi dikjarazzjonijiet guramentati;

9. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

10.1. Illi fl-isfond tal-istess procedura kien hemm il-process ta' privatizzazzjoni tad-Dipartiment tal-Lotto;

10.2. Illi n-negozju ezercitat mis-socjeta` rikorrenti effettivament kien dak t'agenzija tar-reklamar;

10.3. Illi s-socjeta` intimata kienet dik is-socjeta` li eventwalment, wara process ta' skrutinju, inghatat il-licenzja biex tmexxi dak li qabel kien id-Dipartiment tal-Lottu u l-Lotteriji;

10.4. Illi s-socjeta` rikorrenti qed ssosstni li s-socjeta` intimata ghamlet uzu u ghadha tuzufruwixxi ruhha mill-materjal artistiku, ideat, dokumenti, kuncetti u dettalji ohra ppreparati minnha u forniti lis-socjeta` *Intralot S.A.*;

10.5. Illi s-socjeta` *Intralot S.A.* flimkien ma' zewg socjetajiet ohra, iffurmat konsorzju bl-isem ta' *Maltco Consortium* li kien ressaq il-proposta ghall-ghoti tal-licenzja in dizamina;

10.6. Illi eventwalment dan il-konsorzju kien inbidel fis-socjeta` intimata;

10.7. Illi konsegwenza tal-istess hu allegat mis-socjeta` rikorrenti li s-socjeta` intimata allura arrikkiet ruhha ingustament minn dawn l-isforzi tas-socjeta` rikorrenti u ghad-dannu tal-istess;

Ikkunsidrat:

11. Illi in effetti, fil-15 ta' Mejju, 2001, il-Gvern kien ghamel sejha ghall-proposti ghall-immanigjar u tmexxija ghal dak li qabel kien id-Dipartiment tal-Lottu, (ara foll 29 u 372);

12. Illi din is-sejha ghalqet fit-13 t'Awwissu, 2001, (ara foll 1);

13. Illi jirrizulta li l-Gvern kien beda xi negozjati mas-socjeta` *Intralot S.A.*, liema socjeta` kienet qed tmexxi l-konsorzju maghmul mill-istess socjeta` flimkien ma *The Players Group Limited* u *Associated Supplies Limited*, (ara foll 2);

14. Illi dan il-konsorzju kien jopera taht l-isem ta' *Maltco Consortium*, (ara foll 2);

15. Illi l-istess konsorzju kien eventwalment issottometta l-proposta tieghu lill-*Privatisation Unit* li kienet qed tmexxi l-ghazla in kwistjoni, (ara foll 108);

16. Illi l-istess offerta li rrizultat li kienet dik tas-socjeta` intimata, kienet giet maghzula wara evalwazzjoni tat-*tender document* li kien gie sottomess, (ara foll 108 u 109);

17. Illi s-socjeta` intimata kienet giet registrata f'Malta fl-2003 u inghatat il-licenzja necessarja biex tmexxi l-lottu u l-lotteriji in dizamina, (ara foll 821);

18. Illi ghal habta ta' Gunju, 2001, is-socjeta` *Intralot S.A.* kienet dahhlet f'diskussjonijiet mas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 612, 638, 640 u 644);

19. Illi s-socjeta` rikorrenti issosstni li pprovdiet lis-socjeta` *Intralot S.A.* kwantita` t'informazzjoni, dettalji u servizzi, li eventwalment uzufruwixxa ruhhu minnu il-konsorzju maghruf bhala il-*Maltco Consortium* li b'hekk setghet tissottometti l-offerta taghha lill-*Privitisation Unit*, (ara foll 614, 639, 641 u 645);

20. Illi s-socjeta` rikorrenti issosstni wkoll li l-partijiet allura hawn kontendenti kienu qabblu li f'kaz li l-*Maltco Consortium* jintghazel biex imexxi l-lottu u l-lotteriji in dizamina fil-pajjiz, is-socjeta` rikorrenti kellha tinghata l-fakolta` li tmexxi l-bzonnijiet kollha ta' reklamar tas-socjeta` intimata, (ara foll 614, 639, u 645);

21. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni li minkejja li s-socjeta` intimata giet maghzula biex tmexxi dan il-lottu u lotterji lokalment, naqset li tingagga s-servizzi tas-socjeta` rikorrenti

ghall-htigijjiet taghha ta' reklamar u ta' *marketing*, (ara foll 614, 639, 641 u 645);

Ikkunsidrat:

22. Illi permezz tal-procedura prezenti s-socjeta` rikorrenti qed tippremetti li s-socjeta` intimata arrikkiet lilha nnifisha indebitament billi uzat l-isforzi kollha taghha biex ottentiet il-kuntratt in dizamina;

23. Illi l-istess socjeta` rikorrenti ssosstni li fost l-isforzi taghha fir-rigward ippreparat ukoll *"marketing plan"* li kien attwalment inkluz fl-offerta li s-socjeta` intimata issottomettiet lill-*"Privatisation Unit"* li mexxiet is-sejha ghall-offerti in dizamina, (ara foll 402 *et sequitur*);

24. Illi *nonostante* dan, is-socjeta` rikorrenti xorta m'inghatatx il-possibilita` li sussegwentement tippresta s-servizzi taghha ta' riklamar lis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

25. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata tipprezenta diversi eccezzjonijiet preliminari, principalment li s-socjeta` rikorrenti ghandha qabel xejn taghzel il-bazi guridika tal-azzjoni taghha minnha hawn intrapriza, (ara foll 11 u paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), aktar qabel);

26.0. Illi f'dan is-sens, is-socjeta` intimata tecipixxi li s-socjeta` rikorrenti ghandha qabel xejn taghzel jekk hiex qed tibbaza l-lanjanza taghha fil-konfront tas-socjeta` intimata fuq:

26.1. Bazi kuntrattwali, jew fuq

26.2. Bazi t'arrikkiment indebitu tas-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

27. Illi in vista tar-risposta tas-socjeta` intimata riferita fil-paragrafu precedenti, l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti, permezz ta' verbal datat l-20 t'Ottubru, 2010, kien iddikjara li l-

azzjoni odjerna intrapriza mis-socjeta` rikorrenti li kien qieghed jirrapprezenta kienet ibbazata fuq il-principju tal-arrikkiment indebitu, (ara foll 16 u paragrafu numru erbgha, (4.), aktar qabel);

28. Illi *di piu`*, l-istess posizzjoni indikata fil-paragrafu precedent kienet ripetuta u sottolineata fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 787);

Ikkunsidrat:

29. Illi in vista tal-premess issir necessarjament referenza ghall-artiklu 1028A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

> "1. Min, minghajr kawza gusta, jarrikkixxi ruhhu ghad-dannu ta' haddiehor ghandu fil-limiti tal-arrikkiment ihallas lura u jikkumpensa ghal kull tnaqqis patrimonjali li setghet sofriet dik il-persuna;
>
> "2. Jekk l-arrikkiment huwa ta' oggett determinat, dak li recevih huwa marbut li jaghti lura l-oggett in natura jekk dan ikun ghadu jezisti fil-mument tat-talba";

30. Illi fir-rigward tas-suespost issir referenza ghall-insenjament tal-**Qorti tal-Appell**, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Martin u Filippa konjugi Chetcuti vs. Rosario u Josephine konjugi *G*att**, datata s-**6 t'Ottubru, 2010**, li sosstniet is-segwenti:

> "...jigi rilevat f'tema ta' dritt illi mid-disposizzjonijiet tal-artikli 1028A u 1028B, kombinati flimkien, jemergu l-hames presupposti li jridu simultanjament jikkoezistu ghall-iskop tal-azzjoni *de in rem verso*, u cioe`:
>
> "i. l-arrikkiment;
>
> "ii. id-dannu;
>
> "iii. Il-korrelazzjoni bejn id-dannu u l-arrikkiment;
>
> "iv. Il-mankanza ta' kawza gusta;

"v. Il-mankanza ta' azzjoni ohra mill-ligi prevvista;

"... Permess dan, id-dottrina u l-gurisprudenza jirrakaratterizzaw l-azzjoni bhala wahda sussidjarja. Li jfisser koncettwalment li hu rimedju estrem li jista` jigi invokat meta l-qaghda, li tkun holqot l-iskwilibriju bejn il-partijiet, ma tkunx tista' tigi regolata b'xi mezz iehor rikonoxxut mill-ligi. Din l-interpretazzjoni restrittiva tinzel proprju mill-artiklu 1028B, Kodici Civili b'tali mod li s-sussidjarjeta` hi strument ta' kontroll ghat-twessigh tal-kamp operattiv tal-azzjoni";

Ikkunsidrat:

31. Illi fid-dawl tar-rizultanzi fuq sintetikament esposti jirrizulta li ma tezistix azzjoni ohra li tista' tintuza u konsegwentment, tirrizulta s-sussidjarjeta` riferita fil-kawza fqu citata;

32. Illi in vista tal-premess, jirrizulta pacifiku li s-socjeta` rikorrenti setghet allura tipprocedi kontra s-socjeta` intimata a bazi tal-principju tal-arrikkiment indebitu sancit fl-artiklu 1028A fuq citat;

33. Illi konsegwentement din l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

34. Illi in vista tas-suespost, ghandu allura jkun pacifiku li la jirrizulta li l-lanjanza tas-socjeta` rikorrenti hi bbazata fuq l-*actio de in rem verso* allura t-tielet (3) eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata, senjatament li m'hemm l-ebda "intiza bejn il-partijiet", (ara foll 11 u paragrafu numru tlieta punt sitta, (3.6.), aktar qabel), ghandha wkoll tigi respinta *stante* li l-azzjoni odjerna hi bbazata fuq din l-azzjoni rigwardanti l-arrikkiment indebitu u mhux ibbazata fuq xi ftehim, intiza, jew komprensjoni;

35. Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li din l-"intiza" bejn il-partijiet mhix wahda mill-hames (5) rekwiziti fuq sottolineati fis-sentenza citata, (ara paragrafu numru tletin, (30), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

36.0. Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta` intimata li ma jikkonkorrux il-kweziti necessarji biex tigi hawn ezercitata l-azzjoni tal-*in debiti solutio*, jinghad sintetikament is-segwenti:

36.1. Illi s-socjeta` intimata ssosstni li qatt m'uzufruwiet ruhha minn xi informazzjoni u servizzi pprestati mis-socjeta` rikorrenti;

36.2. Illi ghalhekk l-istess socjeta` intimata ssosstni li allura qatt m'arrikkiet ruhha ingustament ghad-dannu tas-socjeta` rikorrenti;

36.3. Illi s-socjeta` rikorrenti ma ipprovdietx *"marketing plan"* lis-socjeta` intimata jew lis-socjeta` *Intralot S.A.*, (ara foll 287);

36.4. Illi kull ma issuppliet is-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` *Intralot S.A.* kienet biss informazzjoni li gia` kienet disponibbli fid-dominju pubbliku, (ara foll 287);

36.5. Illi s-socjeta` intimata ssosstni wkoll li s-socjeta` rikorrenti lanqas fornieta b'analizi finanzjarju jew *"budget" stante* li dak minnha hekk indikat jikkonsisti biss f'indikazzjoni tal-opinjonijiet tal-kumpaniji li applikaw, (ara foll 287);

36.6. Illi rigwardanti l-allegazzjoni li s-socjeta` rikorrenti forniet lis-socjeta` intimata bi strategiji tas-suq, din tal-ahhar tirribatti li din kienet biss informazzjoni ta' natura generali li bl-ebda mod ma tista' titqies li hi strategija kummercjali, (ara foll 61 u 288);

36.7. Illi fir-rigward ta' sezzjoni intitolata "*Proposed Strategy*" fornita mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` *Intralot S.A.*, l-istess rapprezentant tas-socjeta` intimata ssosstni minflok li kull ma kien dan kien biss riferiment ghall-"*road-side billboards*", (ara foll 42 u 288);

36.8. Illi ghalhekk l-istess rapprezentant tas-socjeta` intimata ssosstni li l-informazzjoni kopjuza mghoddija lis-socjeta` *Intralot S.A.* mis-socjeta` rikorrenti ma kienitx *“business proposal”* kif l-istess socjeta` rikorrenti qed tipprova tpingiha izda:

> “...I say that it only contains ideas which we have passed to the applicant company and which they then synthesised in this document...” (ara foll 288);

36.9. Illi skont il-*“General Manger”* tas-socjeta` intimata fil-perjodu bejn l-1 t’Ottubru, 2012, sat-30 ta’ Gunju, 2014, is-socjeta` rikorrenti u dik intimata qatt ma kellhom relazzjoni kummercjali bejniethom, (ara foll 774);

36.10. Illi l-istess rapprezentant tas-socjeta` intimata jinsisti li l-istrategija kummercjali tas-socjeta` mmexxija minnhu dejjem kienet li zzomm ghaliha l-attivita` fis-suq in dizamina, (il-*“marketing activities”*, ara foll 774);

36.11. Illi in vista tal-istess, il-*“promotion plan”* tas-socjeta` intimata kien dokument unikament kompilat mis-socjeta` matrici taghha, s-socjeta` *Intralot S.A.*, (ara foll 774);

36.12. Illi l-istess dokument kien eventwalment mghoddi lill-principal tas-socjeta` intimata ghall-approvazzjoni tieghu, (ara foll 774);

36.13. Illi ghalhekk l-istess “*General Manager*” fuq indikat isosstni b’qawwa li s-socjeta` rikorrenti qatt m’ipprezentat pjan ta’ promozzjoni lis-socjeta` *Intralot S.A.* jew lis-socjeta` intimata u li effettivament dawn l-ahhar zewg socjetatjiet dejjem irrespingew l-allegazzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti kontenuti fil-procedura odjerna, (ara foll 774);

Ikkunsidrat:

37.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

37.1. Illi m’hemm l-ebda rabta bejn is-socjeta` rikorrenti u dak li allegatament sar ghall-ghoti tal-licenzja in dizamina lis-socjeta` intimata ghat-tmexxija tal-loghbiet tal-lottu u lotteriji ohra;

37.2. Illi dak li setgha gie miftiehem kien bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` *Intralot S.A.* u dan, fi zmien meta l-istess socjeta` intimata lanqas biss kienet ezistenti;

Ikkunsidrat:

38. Illi kif emfasizzat mis-socjeta` rikorrenti, l-procedura odjerna hi l-*actio de in rem verso*, (ara foll 16);

39. Illi jirrizulta li biex setghet tinghata l-licenzja ghall-operat in dizamina kien rikjest bhala rekwizit tal-*Privatisation Unit* li mexxiet is-sejha ghall-applikazzjonijiet u l-eventwali ghazla, li r-rebbieh tat-*“tender”* iwaqqaf kumpanija appozita biex tkun tista’ taghmel ix-xoghol involut, (ara foll 109);

40. Illi jirrizulta li s-socjeta` li nghatat il-licenzja *de quo* tirrizulta li kienet is-socjeta` rikorrenti, (ara foll 109);

41. Illi skont ir-rapprezentant tal-*“Privatisation Unit”*:

> “Eventwalment it-*tender document* gie evalwat u ggudikat ma *tenders* ohra li kienu qed jikkompetu flimkien u spicca li l-proposta kontenuta f’din it-*tender* partikolari kienet l-applikazzjoni rebbieha. Is-socjeta` li nghatat it-*tender* kienet il-*Maltco*. Is-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-*Intralot* kienet ghan-nom ta’ socjeta` ohra li kienet ghadha fi stadju ta’ formazzjoni”, (ara foll 108 u 109);

42. Illi in vista tal-premess jirrizulta li l-licenzja in dizamina nghatat lis-socjeta` intimata u mhux lill-konsorzju maghmul minn tliet (3) kumpaniji senjatament, l-*Intralot S.A.*, *The Players Group Limited* u *l-Associated Supplies Limited*;

Ikkunsidrat:

43. Illi ghalkemm ir-rapprezentant principali tas-socjeta` rikorrenti ssosstni li kien hemm ftehim bejn is-socjeta` rikorrenti u l-konsorzju tal-*Intralot*, (ara foll 612 u 613), dan il-ftehim gie rinnegat kmieni f'din il-procedura, (ara foll 16), fejn l-abbli rapprezentant legali tal-istess socjeta` rikorrenti ivverbalizza li:

> "...l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq arrikkiment ingust u bl-ebda mod mas-socjeta` attrici qeghda tikkontendi li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim";

44.0. Illi s-socjeta` rikorrenti ssosstni s-segwenti:

44.1. Illi x-xoghol imhejji minnha ghaddietu lis-socjeta` *Intralot S.A.*, (ara foll 2);

44.2. Illi l-istess socjeta` rikorrenti fl-ebda hin ma tallega li pprestat servizzi lis-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

45. Illi in vista tal-premess ma jirrizultax li hu legalment korrett li l-procedura odjerna giet indirizzata fil-konfront tas-socjeta` intimata, u dan *stante* li jirrizulta assodat li x-xoghol li bih allegatament staniet is-socjeta` intimata ma nghatax lilha izda nghata lil socjeta` ohra;

46. Illi in effetti jirrizulta, anke *ex admissis*, li jekk saru, x-xogholijiet tas-socjeta` rikorrenti nghataw lis-socjeta` *Intralot S.A.* u lill-konsorzju li din kienet tifforma parti minnhu;

47. Illi li hu wkoll ampjament rizultanti bi kjarezza hu li dawn is-servizzi m'inghatawx lis-socjeta` intimata;

48. Illi jirrizulta assodat li r-relazzjoni ta' negozju li kienet stabbilita kienet dejjem dik bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` *Intralot S.A.* – izda qatt mas-socjeta` intimata, (ara foll 618, u *e-mails* a foll 455 sa 458);

49. Illi *di piu`*, jigi sottolineat ukoll li l-allegati servizzi kienu rezi fl-2001, (ara foll 612), filwaqt li s-socjeta` intimata twaqqfet fl-2003, (ara foll 821);

50. Illi konsegwenza tar-rizultanzi suesposti, ghandu jkun pacifiku li jekk kien hemm xi arrikkiment, dan kien arrikkiment tas-socjeta` *Intralot S.A.* u mhux tas-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

51. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Emanuel Bartolo vs. Victor Micallef***, datata t-***28 t'Ottubru, 2004***, li tghid is-segwenti:

> "Illi inghad ukoll, (ara per ezempju, **Torrente *Manuale di Diritto Privato*** (9th Edit., 1975) par 387, pag. 634), li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qeghda tikseb vantagg jew utilita`, (ara ***Appell Kummercjali*** fl-ismijiet ***Calleja vs. Zammit Tabona*** (Kollez. Vol. XLI. i. 61) minhabba li xi gid ta' haddiehor ghadda ghandha jew minhabba li xogholijiet jew servizzi twettqu fi hwejjigha bla ma sar hlas ghalihom jew b'mod li gew iffrankati spejjez lill-parti li b'hekk tkun staghniet, (ara ***Amos & Walton's Introduction to French Law*** (3rd Edit.), pag. 1971); (b) it-tnaqqis mill-gid tal-parti l-ohra b'titolu lukrattiv; (c) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-gid tal-parti l-wahda u z-zieda jew beneficcju tal-parti l-ohra; (d) in-nuqqas ta' raguni li tiggustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-ohra u (e) li min laqa' ghandu l-haga jew is-servizz staghna b'dik il-haga jew b'dak is-servizz, (ara ***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Parnis vs. Vella noe.*** (***Kollez. Vol. XXXIX. ii. 764***)";

Ikkunsidrat:

52. Illi l-ewwel element indikat fil-kawza riprodotta fil-paragrafu precedenti, senjatament ir-rekwizit (a) hemm espost jirrizulta li hu ghal kollox nieqes fil-procedura odjerna *stante* li l-proprjeta` intellettwali in dizamina ghaddiet minghand is-socjeta`

rikorrenti ghal ghand is-socjeta` *Intralot S.A.* u mhux ghand is-socjeta` intimata;

53. Illi ghandu jkun pacifiku li s-socjeta` *Intralot S.A.* u s-socjeta` intimata *Maltco Lotteries Limited* huma zewg persuni guridici totalment separati u distinti minn xulxin;

54. Illi jigi sottolineat li r-rekwiziti fuq elenkati biex tissussisti l-azzjoni odjerna tal-*in rem verso* huma rekwiziti kumulattivi;

55. Illi gialadarba, kif fuq delineat, dan l-ewwel rekwizit tal-istess jirrizulta nieqes, allura l-azzjoni odjerna kif deliberatament proposta ma tistax tirnexxi fil-konfront tas-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

56.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

56.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 3);

56.2. Takkolji r-risposti tas-socjeta` intimata rigwardanti l-arrikkiment indebitu, (ara foll 11);

56.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` rikorrenti.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**